MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2008

Numru 76/2001

Il-Pulizija
(Sp Geoffrey Azzopardi)
vs
Johan Sultana, iben Martin, imwieled Pieta' fl-4 ta' Jannar, 1982

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fil-lejl ta' bejn it-27 u it-28 ta' Ottubru, 2000 fi Triq Ivo Muscat Azzopardi, San Ġiljan ikkometta serq ta' stereo tal-għamla 'Kenwood' minn karozza tal-għamla FIAT Punto, bin-numru tar-reġistrazzjoni NIX 001, li jiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 għad-dannu ta' Graziella Callus minn Birkirkara, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-ħin;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi kkaġuna ħsara jew għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mob li jew immobbli, fil-karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni NIX 001 liema ħsara tiskorri l-Lm50 iżda anqas minn Lm500 għad-dannu ta' Grazziella Callus;
3. talli jinsab reċidiv b'diversi sentenżi liema sentenżi huma definittivi u li ma jistgħux jiġu mħassra, kif ukoll talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u cioe' talli kkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Awwissu, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 263, 267, 270, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 325, 49, 50 u 28B tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Settembru, 2002 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2005 fejn il-partijiet iddikjaraw li l-vittma ġiet imħallsa għad-danni li ġarrbet u għalhekk l-imputat jista' jibbenefika minn dak li hu maħsub fl-artikolu 337(2)(b)(ii) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat is-sentenza tat-2 ta' Awwissu, 2006 li ġabet in vigore s-sentenzi sospiża tas-17 ta' Frar, 2000 u it-30 ta' Mejju, 2000 u għalhekk mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali billi l-imputat skonta l-piena inflitta fis-sentenzi msemmija.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati ta' ksur tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 263, 267, 270, 278, 279, 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena ta' priġunerija iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------